

Brussell, 28 ta' Frar 2023  
(OR. en)

6927/23

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0065(NLE)

---

---

UK 25

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Frar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 120 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-emendar tar-regoli ta' proċedura tiegħu

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 120 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 120 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 27.2.2023  
COM(2023) 120 final

2023/0065 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-emendar tar-regoli ta' proċedura tiegħu**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ("il-Protokoll") tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-ħruġ") dwar Deċizzjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt biex jiġu emendati r-regoli ta' proċedura tiegħu.

### 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### 2.1. Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

Dan il-Ftehim dwar il-ħruġ jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ ordnat tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") mill-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Dan il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

#### 2.2. Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt

Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt (il-"grupp ta' ħidma") ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(1) tal-Protokoll biex iservi bħala forum għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-konsultazzjoni reċiproka dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll.

Il-grupp ta' ħidma huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit u jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt is-supervizzjoni tal-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll, stabbilit permezz tal-Artikolu 165 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, u jirrapporta lilu.

Il-grupp ta' ħidma ma għandux is-setgħa li jieħu deċizzjonijiet vinkolanti għajr is-setgħa li jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess. Il-grupp ta' ħidma adotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess fl-ewwel laqgħa tiegħu fid-29 ta' Jannar 2021 (ir-"Regoli ta' Proċedura").

Fil-grupp ta' ħidma:

- (a) l-Unjoni u r-Renju Unit jiskambjaw, b'mod f'waqtu, informazzjoni dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti li jkunu ppjanati, li jkunu jinsabu għaddejjin kif ukoll dawk finali fir-rigward tal-atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi ta' dan il-Protokoll;
- (b) l-Unjoni tgħarraf lir-Renju Unit dwar l-atti tal-Unjoni li jkunu ppjanati fil-kamp tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, fosthom atti tal-Unjoni li jemendaw jew jissostitwixxu atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi tal-Protokoll;
- (c) l-Unjoni tipprovdi lir-Renju Unit kull informazzjoni li l-Unjoni tqis rilevanti sabiex tippermetti lir-Renju Unit jikkonforma bis-sħiħ mal-obbligi tiegħu skont il-Protokoll; u
- (d) r-Renju Unit jipprovdi lill-Unjoni l-informazzjoni kollha li l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu lil xulxin jew lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji jew lill-aġenziji tal-Unjoni skont l-atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi tal-Protokoll.

Il-grupp ta' ħidma huwa kopresedut mill-Unjoni u mir-Renju Unit. Fil-prinċipju, il-grupp ta' ħidma jiltaqa' kull xahar minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, sakemm il-kopresidenti ma

jiddeċidux mod ieħor b'kunsens reċiproku. Meta jkun neċessarju, l-Unjoni u r-Renju Unit, bejn laqgħa u oħra, jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fil-punti (c) u (d) aktar 'il fuq.

L-Unjoni tiżgura li l-fehmiet kollha espressi mir-Renju Unit fil-grupp ta' ħidma u l-informazzjoni kollha mogħtija mir-Renju Unit fil-grupp ta' ħidma, inkluża *data* teknika u xjentifika, jiġu kkomunikati lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji u lill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni mingħajr dewmien bla bżonn.

### **2.3. Id-deċiżjoni prevista tal-grupp ta' ħidma**

L-iskop tad-deċiżjoni prevista li għaliha jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni huwa li l-grupp ta' ħidma jadotta emendi tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess biex jipprevedi sottogruppi strutturati, li se jassistu lill-grupp ta' ħidma fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu bħala forum effettiv għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-konsultazzjoni reċiproka.

## **3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIĦED F'ISEM L-UNJONI**

Il-funzjonament kif suppost tal-grupp ta' ħidma jeħtieġ regoli ta' proċedura li jkopru, fost l-oħrajn, l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tad-delegazzjonijiet u l-parteċipazzjoni fil-laqgħat, il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma, it-tfassil tal-aġenda u l-minuti, id-deċiżjonijiet, kif ukoll il-kunfidenzjalità u l-lingwa ta' ħidma.

Fid-dawl tal-iskop tal-grupp ta' ħidma u l-proposta li jinħolqu sottogruppi strutturati biex jassistu lill-grupp ta' ħidma fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu bħala forum effettiv għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-konsultazzjoni reċiproka, ir-Regoli ta' Proċedura eżistenti jridu jiġu emendati.

Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-grupp ta' ħidma li temenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, f'konformità mal-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż ma' din il-proposta.

## **4. BAŻI ĠURIDIKA**

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

Id-deċiżjoni li l-grupp ta' ħidma qiegħed jintalab jadotta, tikkostitwixxi att b'effetti legali.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

L-uniku objettiv u kontenut tal-att previst huwa relatat mat-twaqqif tal-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-emendar tar-Regoli ta' Proċedura ta' korp stabbilit skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Il-konklużjoni tal-Ftehim kienet ibbażata fuq l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

## **5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Billi l-iskop tad-deċiżjoni tal-grupp ta' ħidma huwa l-emendar tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, ikun xieraq li d-deċiżjoni tal-grupp ta' ħidma, inklużi r-Regoli ta' Proċedura emendati, tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-emendar tar-regoli ta' proċedura tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-“Ftehim dwar il-Ħruġ”) ġie konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020<sup>1</sup>. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (il- “Protokoll”) jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, skont l-Artikolu 182 tiegħu.
- (2) Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt (il-“grupp ta' ħidma”) ġie stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tal-Protokoll, biex iservi bħala forum għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-konsultazzjoni reċiproka dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.
- (3) Skont l-Artikolu 15(2) tal-Protokoll, il-grupp ta' ħidma huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit u għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt is-supervizzjoni tal-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll, stabbilit permezz tal-Artikolu 165(1), il-punt (c) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u lilu għandu jirrapporta.
- (4) Skont l-Artikolu 15(6) tal-Protokoll, il-grupp ta' ħidma għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess b'kunsens reċiproku. Il-grupp ta' ħidma adotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess fl-ewwel laqgħa tiegħu fid-29 ta' Jannar 2021 (ir-“Regoli ta' Proċedura”).
- (5) Huwa meħtieġ li jiġu emendati r-Regoli ta' Proċedura biex il-grupp ta' ħidma jkun jista' jiġi appoġġat minn sottogrupperi strutturati sabiex jittejjeb il-mod li bih il-grupp ta' ħidma jwettaq il-kompiti tiegħu kif definit fl-Artikolu 15 tal-Protokoll.
- (6) Huwa xieraq li fil-grupp ta' ħidma tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p.1)

- (7) Sabiex il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati fil-pront, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tal-Protokoll (il-“grupp ta' ħidma”) dwar deċiżjoni li temenda r-regoli ta' proċedura tal-grupp ta' ħidma, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-grupp ta' ħidma meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*